# *OH ROMA SERVA!*

Kull xħin fil-ġrajja nħares lejk, ja Ruma
U narak fl-għoli, tgħum fir-riżq u l-għana,
Narak ukoll minn ftit bnedmin maħkuma
Li r-rieda tagħhom biss ġo fik setgħana.

Hekk biex taċ-Ċesri tara int mitmuma
Kull xewqa fiergħa, tbati u tmut daħkana
Kont ta' kuljum. Min jaf kemm b'qalb maqsuma
Rażżant ġo sidrek tal-mibegħda s-sħana.

Illum ukoll li rġajt bdejt donnok sejra
Fit-triq tal-ġieħ, ruħek tinsab marsusa
Fil-fehma ta' ftit nies li għandhom għejra
Biex ma jarawkx fis-sliema tal-meħlusa.

Miktub għalik li għandek tkun ilsira,
Donnok bla jasar ma tistax tkun kbira.

ĠORĠ PISANI.

Għawdex